FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' APRIL 2016

Il-Pulizija

Spettur Bernard C Spiteri

vs

Christopher Philip Aguis
Charles Ryan Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati detenturi ta' karta tal-identita' 20102L u 488688M rispettivament akkuzati talli nhar il-15 ta' Frar 2009 ghal habta ta' 1:00 ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg , San Giljan u jew fil-vicinanzi :

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Eman Muscat;
2. lil Christopher Philip Agius wahdu talli kiser ordni tal-Qorti u cioe' dik ta' probation, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, (Dr A.J. Vella LL.D), nhar il-28 ta' Novembru 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;
3. lil Charles Ryan Vella wahdu talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Dr L. Quintano LL.D), nhar is-16 ta' Gunju 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anka meta l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarhom hatja .

Rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqieghed liz-zewg imputati taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputati ir-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrati